**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 2 ta' Frar, 2001

**Numru 11**

**Avviz. numru 1945/00JR**

**Climate Air Conditioning Limited**

**vs**

**Dominic Anastasi Limited**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-12 ta' Dicembru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' hamsa u hamsin lira Maltija u sbatax-il centezmu (Lm55.17), dovut mis-socjeta` konvenuta lis-socjeta` attrici minhabba servizzi rezi mis-socjeta` attrici lis-socjeta` konvenuta stess;**

**Bl-ispejjez u bl-interessi mit-12 ta' Lulju, 2000, kontra s-socjeta` konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tas-socjeta` konvenuta prezentata fl-10 ta' Jannar, 2001, fejn gie eccepit illi s-socjeta` konvenuta ma ghandha taghti xejn lid-ditta attrici, ghax fuq ammissjoni ta' l-istess sid tad-ditta attrici, is-servizzi li dina taghat lid-ditta konvenuta kienu kollha ghalxejn jew hziena ghax l-"airconditioner unit" baqa' ma jiffunzjonax.**

**Semgha x-xhieda ta' Mark Mercieca ghas-socjeta` attrici, u Dominic Anastasi ghas-socjeta` konvenuta.**

**Ikkunsidra:**

1. **Is-socjeta` attrici f'din il-kawza qed titlob hlas dovut ghall-servizzi rezi minnha lis-socjeta` konvenuta fuq "airconditioning unit".**

2. **Is-socjeta` konvenuta qed tghid li l-hlas mhux dovut ghax l-imsemmi "unit" baqa' ma jiffunzjonax.**

3. **Jirrizulta li l-"unit" imsemmi kien inxtara mis-socjeta` konvenuta fl-1993, minghand is-socjeta` attrici, u gie installat mill-istess socjeta` attrici. F'Gunju, 2000, dan il-unit ma kienx qed ikessah aktar.**

4. **Jirrizulta li s-socjeta` attrici, fuq talba tas-socjeta` konvenuta baghtet nies isewwuh, pero` wara gimgha, cioe` fl-10 ta' Lulju, 2000, rega' ma hadimx.**

5. **Ghalhekk fit-12 ta' Lulju, regghu marru nies tas-socjeta` attrici, li sabu li l-pressa fir-"refrigerant" kienet naqset. Spjegaw lid-direttur tas-socjeta` konvenuta li ma setghux isewwuh minghajr ma jaqlugh, u qalulu kemm ser tigi l-ispiza. Is-socjeta` konvenuta ghazlet li ma ssewwix.**

6. **Jirrizulta li l-ispejjez ta' l-ewwel darba, ta' meta marret is-socjeta` attrici biex issewwi kienu ta' tlieta u erbghin lira Maltija u tnax-il centezmu (Lm43.12), u tat-tieni darba kienu jammontaw ghall-tnax-il lira Maltija u hames centezmi (Lm12.05). Dawna l-ammonti huma riflessi fl-istatement of account (Dok.A) esibit.**

7. **Jirrizulta wkoll li l-post fejn gie mwahhal l-"airconditioning unit" kien intghazel mis-socjeta` attrici, ghalkemm Dominic Anastasi jaghti x'jifhem li ma kienx hemm post iehor fejn jitwahhal.**

8. **Jirrizulta inotre li meta gie nstallat "unit" gdid, wara li tnehha l-"unit" tas-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta installatu fl-istess post fejn kien l-iehor.**

9. **Jirrizulta li s-socjeta` konvenuta kienet baghtet cheque ta' ghaxar liri Maltin (Lm10.00) datat 18 ta' Settembru, 2000, liema cheque ghadu ma ssarrafx.**

10. **Jirrizulta li fil-fatt l-ilment tas-socjeta` konvenuta huwa in parte gustifikat. Tassew li l-"airconditioning unit" hadem ghall ftit ta' zmien wara li saret it-tiswija fuqu, u ghalhekk jidher li f'dak il-waqt is-socjeta` attrici kienet ippruvat taghmel dak li kien possibbli li jsir fic-cirkostanzi. Wiehed irid jikkunsidra wkoll il-fatt li gimgha biss wara li marru jsewwu dana rega' ma hadimx, tant li biex jirrangawh kien ser ikollhom jaqilugh. Ma jirrizultax gustifikat l-ilment tal-konvenut dwar fejn kien twahhal il-"unit" imsemmi, tant li meta wahhal wiehed gdid rega' wahhlu fl-istess post.**

11. **Tenut kont ta' dak li ntqal is-somma dovuta ghandha tammonta ghall-erbgha u ghoxrin lira Maltija. Stante li s-socjeta` konvenuta gja hallset l-ammont ta' ghaxar liri lis-socjeta` attrici, jibqa' li din**

**ghandha thallas l-ammont ta' erbatax-il lira Maltija (Lm14.00) lis-socjeta` attrici.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament ghas-somma ta' erbatax-il lira Maltija (Lm14.00), u jikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici l-imsemmija somma ta' erbatax-il lira Maltija (Lm14.00), bl-imghaxijiet legali li jibdew jiddekorru mil-lum.**

**Fic-cirkostanzi partikolari tal-kaz l-ispejjez ghandhom jigu sofferti ugwalment bejn il-partijiet.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**